MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 204/2007

**FAL Malta Limited**

**Vs**

**Henry J. Borg**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tlieta (3) ta’ Lulju 2007, permezz ta’ liema s-socjeta rikorrenti talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma li ghandha tigi likwidata minn din l-istess Qorti, liema somma ma teccedix l-hamest elef lira maltin (LM5000) bhala danni ghal malafama b’applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta), u dan billi dak li hu ddikjara fiz-zewg *e-mails* datati hamsa (5) u sebgha (7) ta’ Marzu 2007, rispettivament (Dok. ‘A’ u ‘B’), fl-ittra datata tmienja (8) ta’ Gunju 2007 (Dok. ‘C’) kif wkoll f’*e-mail* ohra datata hamsa w ghoxrin (25) ta’ Gunju 2007 (Dok. ‘D’) apparti li huwa nveritier,

huwa libelluz, malafamanti w offensiv fir-rigward tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Henry J. Borg ippresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tletin (30) ta’ Lulju 2007, fejn eccepixxa li:

“Preliminarjament din il-kawza ghandha tigi konnessa u tinstemgha mar-rikors numru 201/07MM stante li l-mertu tieghu huwa ddentiku ghal dak tal-kawza odjerna.

Illi s-socjeta rikorrenti ppromoviet dawn il-proceduri bl-intenzjoni cara li tipprova tiehu kumpens doppju mill-istess allegata ngurja – tentattiv li din il-Qorti ghandha tirrespingi bil-qawwa.

Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ovvju minn qari anke superficjali tal-ittra lamentata, li l-allegazjoni li ghamel l-intimat saret fil-konfront ta’ persuna fizika u mhux tas-socjeta rikorrenti. Mhux possibbli li s-socjeta limitata registrata f’Malta, tikkommetti hsara fizika fuq bieb w ghaldaqstant, l-imputazzjoni li ghamel l-esponenti fl-ittra tieghu, ma tistax tikkostitwixxi libel, malafama jew offiza kontra Fal Malta Limited.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tar-rikorrent ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante d-dikjrazzjoni maghmula mill-esponenti fl-ittra tieghu tat-tmienja (8) ta’ Gunju 2007, u li pero saret fil-konfront ta’ Brian Camilleri li huwa mpjegat mas-socjeta rikorrenti, hija sostanzjalment veritiera w ghalhekk ma tammontx ghal dikjrazzjoni libelluza, malafamanti u/jew offensiva fil-konfront tar-rikorrent Fal Malta Limited, kif rikjest mill-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra tal-esponenti kienet wahda privata, ndirizzata lil persuna partikolari b’referenza ghal tilwima civili ta’ natura limitata.

Ghaldaqstant, l-ingurja allegata – jekk kellha tirrizulta li saret – hija wahda nsinifikattiva ghal ahhar u dan ghandu jigi rifless fil-kumpens li din l-Qorti tista talvolta tikkundanna lil intimat ihallas.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."
Semghet lil partjiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar t-Tnejn, tmintax (18) ta' Mejju 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Henry J. Borg ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hmistax (15) ta' Gunju 2009.

Rat in-nota responsive tas-socjeta attrici ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ewwel (1) ta' Lulju 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar t-tnax (12) ta' Dicembru 2007 xehed **Brian Camilleri** (fol. 18), *general manager* tas-socjeta' attrici Fal Malta Limited kif wkoll jokkupa l-kariga ta' *Deputy Chairman* ta' Mosta Technopark Tenants Association. Qal li Mosta Technopark Association hija assocjazzjoni fejn hija nkarigata mill-Malta Industrial Park biex tamministra l-Mosta Technopark Association. Qal li hemm kunsill li jigi elett mill-membri tat-Technopark u li hu kien gie elett minn fosthom. Spjega li s-socjeta' attrici hija kumpanija li tipproduci *wireless telecommunications modules* u din tinsab fl-istess bini tas-socjeta' fejn il-konvenut Henry J Borg huwa direttur u cioe tinsab fil-Mosta Technopark.
Mistoqsi ghaliex hass li s-socjeta attrici giet aggravata bl-*e-mails* datati hamsa (5) u sebgha (7) ta' Marzu 2007 esebiti f'dawn l-atti, spjega li kemm l-fabbrika tieghu, kif ukoll dik tal-konvenut, jinsabu fl-istess binja w ghandhom tarag u entratura komuni. Spjega li l-bieb tal-*common entrance* huwa kkontrollat minn *electric lock*.

Qal li fis-saena 2006, waqt li Henry Borg kien Chairman tal-MTTA, kienu sabu rregolaritajiet serji fil-kotba tal-assoccjazzjoni, fis-sens li kien hemm cekkijiet li gew imsarrfa mit-tifel ta' Henry Borg, certu Jonathan Borg, li

dak iz-zmien kien qed jaghmel l-*accounts* tal-*association* meta ma kienx awtorizzat. Qal li c-cekkijiet kienu jidhru li kienu qeghdin jigu mhallsa lil VAT Department u l-Inland Revenue Department u meta gabu *scan images* sabu li dawn kienu mahruga fuq Jonathan Borg w imsarrfa wkoll minnu.

Fil-fatt, zied jghid li meta raw hekk, kienu ltaqghu mal-membri tal-kumitat l-ohra w ghamlu laqgha specjali ma' Henry u ibnu Jonathan Borg fejn staqsa lil Henry Borg jekk huwa ffirmax cekkijiet *blank* u dan irrisponda li assolutament ma kienx. Zied jghid li wara ftit zmien rega' staqsih jekk iffirmax xi cekkijiet *blank* u wiegbu li ma kienx u li dejjem kien jiffirma c-cekkijiet meta jkunu ntestati lil xi persuna. Qal li dak il-hin urih kopja ta' dawn ic-cekkijiet li kienu ntestati lill-ibnu, u dak il-hin talbu jirrizenja peress li kien hemm konflitt t'interess peress li ibnu kien involut fis-sitwazzjoni.

In segwitu ghal dan l-incident Henry Borg beda jaghmel akkuzi kontra l-kumpanija minnu rapprezentata, fil-konfront tieghu personali u sahansitra anke kontra l-kunsill ta' l-MTTA. Qal li fil-fatt kienu gew intavolati tlett kawzi kontra l-konvenut mis-socjeta attrici, mill-kunsill kif ukoll minnu personali. Qal li fil-konfront ta' Jonathan Borg wkoll ghaddejjin proceduri kriminali. Qal li huma kienu qabdu lil Henry Borg ibaghbas fuq il-*lock* tal-bieb principali u dan fuq il-*closed circuit* TV.

Ix-xhud ghamel riferenza ghall-*e-mail* esebita fl-atti a fol. 2 u markata bhala Dok. 'A' kif ukoll ghall- *e-mail* l-ohra esebita a fol. 4 markata bhala Dok. 'B' datata sebgha (7) ta' Marzu. Fl-ewwel *e-mail* l-konvenut stqarr li "*door bell has been vandalized by FAL as well as the common door at entrance*" filwaqt li fid-dokument immarkat 'B', il-konvenut jerga jirrepeti din l-allegazzjoni u ighid "*as both door and bell were vandalized by FAL*." Ix-xhud irrefera ukoll ghall-ittra datata tmienja (8) ta' Gunju 2007 mibghutha mill-konvenut Henry Borg ndirizzata lic-Chairperson ta' l-MTTA, fejn iddikjara li huwa ma kienx responsabbli ghall-hsarat maghmula lil bieb izda mbaghad jghid '*I have proof that this was willfully done by FAL,*

*specifically Brian*." Ix-xhud jaghmel referenza wkoll ghal dokument iehor immarkat bhala d-Dok. 'D', li hija *e-mail* mibghuta mill-konvenut lil terzi persuni. Dan id-Dok. 'D' huwa datat tmienja w ghoxrin (28) ta' Gunju 2007 u fih allega li s-socjeta "*FAL is tampering with the equipment as he has the second set of keys for entrance cupboards.*"

Ix-xhud zied ighid li wara li nnota l-hsarat fuq il-*lock*, huma kienu qabbdu persuna kompetenti biex taghmel t-tiswija necessarja, certu Andrew Vassallo. Nhar l- erbgha w ghoxrin (24) t'Awwissu 2007 dan Andrew Vassallo kien baghat ittra lis-socjeta attrici fejn spjega 'l ghaliex il-*lock* ma kienx qed juffunzjona sew. Ix-xhud esebixxa kopja ta' din l-ittra, li m'hijiex iffirmata, bhala Dok. 'CSH'.

Spjega li l-kompetenza tat-tiswija ta' dan il-bieb hija parti tal-MTTA u sussegentement l-*expenses* jigu maqsuma bejn iz-zewg inkwilini li jokkupaw il-fondi sovrastanti ghal xulxin u cioe il-partijiet f'din il-kawza. Qal li huma, kull darba li rcivew xi kont, dejjem hallsu sehmhom u sa fejn jaf hu, s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx. Qal li hemm ukoll *camera* li taghti fuq dan il-bieb principali u Henry Borg kien inqabad mhux l-ewwel darba, jiftah il-*lock* ta' dan il-bieb. Qal li naturalment, kieku s-socjeta attrici tramite xi haddiem taghha, ghamlet xi hsara volontarja fuq il-*lock*, din kienet tirrizulta minn xi filmat mehud mill-CCTV *camera* salv jekk il-*camera* ma tigix moghttija. Cahad b'mod kategoriku li hu qatt ghamel xi att vandaluz fuq il-*lock* ta' dan il-bieb.

Illi nhar d-dsatax (19) ta' Frar 2008 xehdet **Marisa Xuereb** (fol. 23) prodotta mis-socjeta attrici fejn qalet li hi tokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-Mosta Techno Park Tenants Association. Meta giet murija d-Dok. 'C' a fol. 7 tal-process, ikkonfermat li ffettivament kienet irceviet dik l-ittra w a bazi ta' dik l-ittra, li giet indirizzata lilha bhala Chairperson, kienet ressqitha ghall-laqgha tal-kunsill li nzammet fl-ahhar ta' Gunju 2007 w il-kunsill kien qabel li tintbaghat ittra lill-konvenut, liema kopja ta' din l-ittra li hija datata hamsa (5) ta' Lulju 2007, tinsab esebita fil-process a fol. 25 w immarkata bhala Dok. 'CSH'.

Ziedet tghid li f'din l-ittra huma ghamlu referenza ghall-istatut u talbu lill-konvenut sabiex, jekk huwa kellu xi prova kif allega fl-ittra tieghu, jitla' jipprezentaha quddiemhom, pero' minn dakinhar 'l quddiem ma semghu xejn aktar minghand il-konvenut. Qalet li Henry Borg kien baghat xi *e-mails* lill-kunsill pero' prova fuq dak li kien qed jallega huwa ma ressaqx.

Illi nhar d-dsatax (19) ta' Frar 2008 xehdet **Jacqueline Schembri** (fol. 26) prodotta mis-socjeta attrici fejn qalet li hi tahdem bhala *park manager* fil-Mosta Techno Park. Meta giet murija l-*e-mails* esebiti a fol. 2 sa 6, ikkonfermat li effettivament hi kienet rathom u spjegat li dik kienet il-korrispondenza li ghaddiet bejnha u bejn Henry Borg, il-konvenut prezenti fl-awla. Qalet li fil-fatt Henry Borg kien qalilha li d-'*door bell has been vandalised by FAL*.' Qalet li sussegwentement kienu talbu rapport minghand is-*suppliers* li kien wahhlilhom is-serratura tal-bieb bil-ghan li tigi stabilita l-kawza tal-hsara u dan r-rapport sar ghall-habta tax-xahar t'Awwissu 2007 minghand il-kumpanija Andrew Vassallo Limited.

Qalet li skond ir-rapport li gie mibghut lilhom minn dan Andrew Vassallo, rrizulta li din is-serratura kienet imkissra u li l-*electrical part has a fault* ghalkemm il-*mechanical parts* kienu tajbin. Spjegat li sussegwentement biddlu s-sistema' billi poggew *door bell* u minn dakinhar 'l hawn ma kellhomx problemi ohra.

Illi nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2008 xehed **Andrew Vassallo** (fol. 36) prodott mis-socjeta attrici fejn meta gie muri d-Dok. 'CSH' a fol. 21, ikkonferma li huwa dokument mahrug minnu bhala *managing director* tas-socjeta' Andrew Vassallo General Trading. Qal li hu kien gie mqabbad biex jaghmel dan ir-rapport mill-MTTA gewwa Mosta Techno Park, Mosta u meta kien ezamina l-*lock* in kwistjoni, sab li l-hsara kienet kwistjoni teknika.

In kontr'ezami jghid li l-molla kienet qed tirtab peress li s-*switch* li jkun hemm isfel, kien qed jigi mwahhal. Ikkonferma li kien hemm xi nies li kienu messew il-*lock* qabel ma messa hu. Qal li effettivament kien hemm zewg

persuni qablu li kienu ppruvaw jifthu din il-*lock* biex jippruvaw isolvu l-problema huma u dan sabiex isakkru l-fabbrika ghaliex hu ma setghax imur fil-hin u wiehed minnhom kien, jismu Johnny, li huwa mpjegat tal-MTTA fil-fatt huwa *handyman*. Qal li dan kien ipprova jaqla' din is-serratura pero' m'irnexxilhux. Spjega li t-tieni persuna kien haddiem minn tal-FAL li pprova jirranga l-*lock* pero' m'irnexxilhux lanqas. Qal li l-haddiem tal-FAL kien tkellem ma' haddiem tieghu u mhux lilu personali dwar dan. Spjega li l-*lock* in kwistjoni tbiddlet kemm-il darba, pero dik id-darba ma kienitx kwistjoni ta' vandalizmu ghaliex fil-fatt s-*switch* ta' din il-*lock* kien jehel u kien gibed l-attenzjoni tas-Sur Camilleri dwar dan.

Illi nhar d-dsatax (19) ta' Jannar 2009 xehed **l-konvenut Henry J. Borg** (fol. 40) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' *managing director* ta' kumpanija. Qal li jokkupaw l-istess spazju fl-istess blokk tal-Mosta Techno Park fis-sens li l-kumpanija tieghu tinsab sovrastanti gha-socjeta attrici. Meta gie muri d-dokumenti a fol. 2 kif ukoll a fol. 4, qal li dawn huma zewg *e-mails*. Spjega li l-*e-mail* a fol. 4 hija *e-mail* mibghuta minnu lil Jackie Schembri, li hija *manageress* tal-Assocjazzjoni tat-*tenants* tal-Mosta Techno Park, filwaqt li dik a fol. 2 tidher li hija kopja ta' *e-mail* mibghuta minnu wkoll fil-hamsa (5) ta' Marzu wkoll lil Jackie Schembri.

Spjega li fil-blokk ta' Techno Park hemm bieb komuni li jghati kemm ghall-propjeta' okkupata mill-attur kif ukoll dik okkupata minnu. Qal li hemm wkoll *lift* f'dan l-istess blokk, liema *lift* huwa mhallas minnu u mantenut minnu wkoll ghax l-attur ma riedx ihallas il-parti tieghu. Qal li meta baghat l-*e-mails*, kellu xi rapprezentanza minn barra u l-qanpiena tal-bieb ma kienitx tahdem u lanqas il-*lift*. Qal li meta nizel, kien sab li l-*magic eye* tal-*lift* kien imhazzez bil-*gem marker* w ghalhekk ma kienx qed jahdem u trippja u l-bieb ma kienx qed jinfetah w ghalhekk kellu johrog mill-bieb tal-*warehouse*.

Qal li kien ghamel *complaint* lil MTTA ghaliex huma responsabbli ghall-*maintenance* tal-affarijiet. Spjega li meta cempel lil tal-*aluminium* certu Andrew Vassallo, biex

jistaqsih effettivament x'kien gara, dan kien gharrfu li xi hadd kien baghbas mal-*lock*. Qal li Andrew Vassallo lilu kien qallu li effettivament l-attur kien mar jiftahar mieghu li kien hu li hassru. Mistoqsi min hallas ghax-xogholijiet, wiegeb li ma kienx jaf u li zgur li hu ma hallasx.

In kontr'ezami cahad dak li gie ssuggerit lilu mill-avukat ta' l-attur, li kien hemm *standing agreement* li l-*lift* kellu jithallas minn min jokkupa s-sular ta' fuq ghaliex l-*agreement* huwa fis-sens, li l-*lift* jintuza bejn tnejn w ghalhekk l-ispejjez kollha li jissemmew, jinqasmu bejn tnejn. Rega' kkonferma li Andrew Vassallo kien qallu li effettivament xi hadd kien baghbas mal-*lock*. Ikkonferma wkoll li Andrew Vassallo lilu kien qallu li l-attur kien mar jiftahar mieghu li kien hu li baghbas il-*lock*. Qal li kien hemm wkoll impjegat tal-attur, li kkonferma quddiem avukat, li kien l-attur li baghbas il-*lock*.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin (29) t'April 2009 xehed **Daniel Axisa** (fol. 51) fejn mistoqsi x'tip ta' xoghol jaghmel, wiegeb li jahdem ma' Andrew Vassallo bhala *technician* u *manufacturer* tal-*locks* fil-*fabrication*. Mistoqsi jekk qattx ghamel xoghol gewwa Mosta Technopark, wiegeb li ghamel. Qal li jiftakar li kienu rcievew telefonata minghand il-FAL Malta Limited illi kien hemm xi problema dwar il-*lock* u cemplulhom biex ibiddlu dan il-*lock* ghax kien difettuz. Spjega li dan il-*lock* kien tajjeb fis-sens li ghamel zmienu u sussegwentement inharaq. Qal li hu kien mar ibiddel l-*lock* u t-*technician* taghhom, li ma kienx jaf ismu, qaghad mieghu u rah ibiddlu. Qal li ried jaghmel hekk sabiex jekk ikun hemm xi hsara fih, ikun jaf kif ibiddlu.

Mistoqsi jekk qallux kif effettivament grat din il-hsara, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex ma qallux. Qal li bhal dawn il-*locks* huma wahhlu diversi mhux biss fil-Mosta Technopark, imma bnadi ohrajn. Qal li f'hajtu bhala *lock,* dak biss biddel fis-sens ta' *lock* mahruq, pero kemm-il darba biddel *locks* ghal ragunijiet ohra. Mistoqsi jekk qattx issemmew xi ismijiet dwar min kien kisser dan il-*lock,* wiegeb li qatt ma semgha b'hadd. Qal li access minn dan il-bieb fejn hemm il-*lock,* ghandha l-FAL u

kumpanija ohra pero’ x’jisimha ma kienx jaf peress li f’dan il-post darba mar. Mistoqsi min hu Brian Camilleri, wiegeb li ma kienx jaf u li qatt m’iltaqa mieghu.

In ri-ezami qal li t-telefonata m’irciviehiex hu. Mistoqsi jekk hux cert li effettivament kienitx is-socjeta’ FAL li cemplitilhom jew kienitx l-assocjazzjoni ta’ Malta Technopark, wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin (29) t’April 2009 xehed **Andrew Vassallo** (fol. 53) riprodott in kontr’ezami fejn, mistoqsi jekk attendix xi laqgha fejn kien hemm prezenti Dottor Christian Farrugia u Henry Borg li ra prezenti fl-awla, wiegeb li iva kien hemm u hu kien spjega dak li fil-fehma tieghu kien gara ‘n konnessjoni ma’ din is-serratura u cioe’ li kien hemm xi hadd li baghbas is-serratura w ghalhekk Henry Borg kien dar fuqu u qallu ‘*mela jiena ma nhossx li ghandi nhallas’*. Cahad li hu dakinhar f’din il-laqgha kien semma min kienet din il-persuna u qal li hu kien qal li possibilment seta’ kien it-*technician* tal-FAL li hadem fuqha ghaliex kien hemm persuna certu John li stqarr mieghu li pprova jaqla’ s-serratura. Qal li min kien qabbdu, ma kienx jaf. Qal pero, li jaf li Henry Borg ma riedx ihallas tal-hsara.

Mistoqsi jekk qattx ssemmiet l-persuna ta’ Brian Camilleri, wiegeb li ma jiftakarx. Spjega li l-MTTA kollha ghandha dan it-tip ta’ *lock* u l-unika *lock* li huma kienu biddlu kemm-il darba, hija dik fil-bieb in kwistjoni li jaghti ghall-proprjetajiet amministrata mill-partijiet. Brian Camilleri lilu kien avvicinah biex jaghmel dan ir-rapport li esibixxa. Qal li hu kien halla s-serratura tahdem perfetta, tajba. Qal li l-MTTA raw li l-*cost* kien gholi w allura ppruvaw jirrangawha huma. Qal li kien hemm kazi wkoll li hu kellu xi *call*, ma lahaqx mar dakinhar stess. Qal li l-*lock* kemm-il darba kienet tigi mbaghbsa biex jippruvaw jiffrankaw il-flus, fis-sens li jkun hemm xi hadd li jipprova jmiss il-*lock* biex jirrangha hu. Qal li hu qatt ma qal li kien hemm vandalizmu. Qal li jekk min jittanta jirranga l-*lock* ma tkunx persuna teknika, ma jirnexxilhiex jirrangha.

Qal li dwar din il-kwistjoni kien jaf li l-lavrant tieghu Daniel jew David Axisa, ghax huma ahwa, kien tkellem mal-lavrant tal-FAL. Qal li rrealizza wkoll li effettivament hu mat-*technician* tal-FAL kien tkellem ukoll, pero' ma min tkellem ma jafx.
Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi din il-kawza tikkoncerna proprjament zewg *e-mails* mibghuta mill-konvenut lid-dirigenti tal-MTTA fejn allega li s-socjeta attrici ghamlet att vandal fuq is-serratura tal-bieb in komuni, tant li is-serratura tal-bieb spiccat difettuza u kellha titranga.

Fl-ewwel lok l-konvenut qed jecepixxi 'n linea preliminari, li l-imputazzjoni li ghamel kontra s-socjeta attrici ma tistax tikkostitwixxi libel jew malafama u dan ghaliex semmai, l-allegazzjoni li ghamel, saret fil-konfront ta' persuna fizika u mhux fil-konfront ta' socjeta fizika. Issa minn esami preliminari tal-*e-mails* esebiti, jirrizulta li l-allegazzjoni ta' att vandal sar mis-socjeta attrici Fal Malta Ltd u mhux minn persuna fizika kif sostna l-konvenut. Illi l-konvenut ma ppresenta ebda eccezzjoni fis-sens li socjeta fizika ma tistax tigi ngurjata, izda hija persuna fizika biss li tista tinizja proceduri ghal malafama.

Ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tigi michuda minnufih in kwantu l-allegata ngurja, u cioe li saret hsara volontarja fuq proprjeta ta' terzi, saret mis-socjeta attrici.

Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti tara jekk il-kliem li ntuza, jammontawx ghal malafama jew jekk jammontax ghal *fair comment* u dan ghaliex il-konvenut ighid li l-kliem li ntqal minnu, huwa veritier.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Hon Mabel Strickland vs J.J. scorey** fis-sbatax (17) t'Ottubru 1949 – Vol. XXX.111.1v.941 inghad illi:-

*"Bodies of persons having a corporate personality may sue in respect of any injury caused by a difamation to their corporate or collective reputation; and the individuals composing any such body or persons may jointly maintain*

*such an action. Moreover if the defamation causes an injury to the individuals concerned as natural persons apart from and independently of their corporate or collective interest then they are entitled to sue also personally wether in the same or in a separate action".*

Fis-sentenza **Thomas W Hedley pro et noe vs Emanel C Tabone MLA et** deciza nhar it-tletin (30) ta' Mejju 1953, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat illi:-

"*Korp morali jista jaghmel kawza ta' libel ghal offizi fir-reputazzjoni tieghu, s'intendi li l-korp morali ma jistax ex natura rerum jagixxi ghal certi imputazzjonijiet li jista jagixxi ghalihom individwu".*

Fis-sentenza **Victor Denaro noe vs Avukat Dottor Anton Buttigieg noe** deciza nhar it-tletin (30) ta' Mejju 1963 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nstabet htija meta gie ritenut illi:-

"…*kif inghad 'l fuq l-artikolu 'n kwistjoni huwa libelluz ghaliex jilledi l-unur u l-fama tad-ditta attrici u jesponiha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku."*

Illi ghalhekk jinghad li d-dispost tal-Kap 248 u sia l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni gurisprudenzjali huma tali, li effettivament jirrikonoxxu l-fatt illi entita morali tista tkun offiza fl-unur, ir-reputazzjoni u l-fama taghha u tigi konsegwentement esposta ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku. Dan il-fatt imbaghad jaghti dritt t'azzjoni lil tali entita, liema dritt huwa separat u distint minn kull dritt li jista separatament jappartjeni lil membri singoli tal-istess entita.

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta attrici hasset ruha malafamata w ingurjata bl-allegazzjoni li hija ghamlet xi att vandal sabiex kissret is-serratura tal-bieb komuni li hemm bejn il-partijiet. Illi d-Direttur taghha, Brian Camilleri cahad li ghamel hekk b'mod kategoriku jew li qabbad lil xi hadd sabiex jaghmel hekk.

Jirrizulta mix xhieda ta' Andrew Vassallo, li l-hsara kienet wahda teknika u mhux doluza u stqarr li huwa qatt ma qal li s-socjeta attrici jew xi persuna fizika baghbas mas-serratura kif allega l-konvenut. Qal li jaf li kien hemm xi haddiema li ttentaw jirrangaw is-serratura, izda m'irnexxilhomx ghaliex trid tkun persuna teknika sabiex issewwi dan il-*lock*.

Il-konvenut minn naha l-ohra jibqa jsostni t-tezi tieghu, li s-socjeta attrici ghamlet att vandaluz fuq is-serratura u li kellu l-provi dwar dan. Illi pero provi qatt ma ressaq u skond il-principju li minn jallega jrid jipprova, kien jispetta lill-konvenut jissostanzja dak li allega hu fil-konfront tas-socjeta attrici.

Illi zgur li huma allegazzjonijiet ingurjuzi u malafamanti dak li ntqal mill-konvenut fl-*e-mails* u l-ittra tieghu fuq riferiti u cioe li gew kommessi xi atti vandali mis-socjeta Fal. Tali allegazzjonijiet huma foloz w infondati.

**Ghaldaqstant, il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghal dak li kiteb u thoss li l-kontenut tal-*e-mails* fuq imsemmija huwa ngurjuz w ghalhekk qieghda zzomm lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici.**

**In linea mal-artikolu 28 tal-Kap 248, din il-Qorti qed tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' tlett mitt euro (€300) u dawn ghandhom jithallsu lilha mill-konvenut.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza, jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------